# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 5**

**Rikors numru 122/98 MCH**

**Elmo Insurance Services Limited, in rapprezentanza tas-socjeta estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Julian Zammit Tabona**

**v.**

**Edwin Pace, Alex Pace u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2008 gie ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju f'isem Mary Louise mart il-mejjet Alexander Pace, Nicholas, Melanie mart Robert Brownrigg u Jonathan ilkoll ahwa Pace, ulied il-mejjet Alexander Pace qua werrieta tal-konvenut Alexander Pace li miet fil-5 ta' Ottubru 2008 u Ivan Pace u b'digriet tad-19 ta' April 2016 stante l-mewt ta' John sive Ivan Pace l-atti gew trasfuzi f'isem Myriam Pace**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li ipprezentat is-socjeta` attrici fil-21 ta' Jannar 1998 li jaqra hekk:

"Peress illi fis-17 ta' Frar 1996 waqt li l-vettura Nru. W-1564, proprjeta ta' Julian Zammit Tabona, kienet ipparkjata go St. Anthony Street, Sliema, gebel provenjenti mill-fond 60 Tigne' Street, Sliema, li tieghu l-konvenuti huma s-sidien, waqa' fuq l -imsemmija vettura u ikkagunalha hsarat ingenti tant li giet dikjarata 'beyond economical repair';

"Peress illi l-vettura Nru. W-1564 kienet assikurata mas-socjeta attrici noe taht polza comprehensive, u l-istess Julian Zammit Tabona, bhala l-assikurat, ghamel claim in konnessjoni mal-incident fuq riferit;

"Peress illi l-danni tas-socjeta attrici noe kienu jammontaw ghal total ta' hamest elef u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm5,013.45) konsistenti fl-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif ukoll spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont din is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha;

"Peress illi ghall-incident imsemmi u konsegwenzjali danni kienu jahtu unikament il-konvenuti minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

"Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjarahom responsabbli in solidum ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrbet is-socjeta attrici noe;

"2. Tillikwida d-danni tas-socjeta attrici noe fis-somma ta' hamest elef u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm5,013.45) jew somma verjuri, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u

"3. Tikkundannahom in solidum biex ihallsu lis-socjeta attrici noe s-somma ta' hamest elef u tlettax-il lira hamsa u erbghin centezmu (Lm5,013.45) jew ammont verjuri bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif ukoll spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident, ghal liema ammont is-socjeta attrici noe giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha;

"Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru 1997 u bl-imghax legali mit-28 ta' Novembru 1997 kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni;"

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tal-20 ta' Dicembru, 1999, li in forza taghha eccepew:

"1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi preliminarjament il-kawza fuq imsemmija ghandha tigi ddikjarata

dezerta a tenur tal-ligi stante illi l- provvedimenti tal-artikolu 963 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx ottemprati stante li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fi zmien sitt xhur perentorju mill-prezentata tac-citazzjoni odjerna;

"2. Illi bla pregudizzju ghal premess il-gudizzju mhux integru stante li l-proprjeta in kwistjoni 60 Tigne Street, Sliema kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konvenuti u n-nisa taghhom u ghalhekk ghandhom jigu mharrka ukoll Juliet Pace, Miriam Pace u Marielouise Pace u ghalhekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

"3. Illi bla pregudizzju ghal premess l-azzjoni odjema hija preskritta a tenur tal- artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

"4. Illi l-konvenuti mhumiex responsabbli ghal hsarat sofferti fil-karozza W-1564(M) stante illi l-incident li gara sar b' Act of God;

"5. Illi bla pregudizzju ghal premess huma mhumiex responsabbli ghal hsarat sofferti mill-attur stante li l-fond in kwistjoni kien mikri lil Risette, Irene u Arthur ahwa Wirth u lil Ronald Pace Decesare, liema fond l-inkwilini ma ridux jizgombraw minnu peress li bezghu li jitilfu l-kirja u ghalhekk baqghu jokkupaw il-fond;

"6. Illi l-konvenuti mhumiex solidalment responsabbli ghal hsarat in kwistjoni;

"7. Illi l-azzjoni odjerna ma tistax tissussisti stante li m'hemm l-ebda relazzjoni diretta bejn il-partijiet u ghalhekk m'ghandu jkun ebda risarciment tad-danni kif pretizi mill-assikurazzjoni;

"8. Salv eccezzjonijiet ohra;"

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Lulju, 2000, li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni hija dezerta ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat ukoll is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Ottubru 2003, li permezz taghha cahdet ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju.

Rat li minn dawn iz-zewg sentenzi ma tressaq ebda appell.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-konvenuti fit-2 ta' Novembru, 2005, li permezz taghha jsostnu illi:

> "1. Illi jirrizulta li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u s-surrogat tal-konvenut Julian Zammit Tabona stante li l-vettura Alfa Romeo 33 targata W1564 qatt ma kienet proprjeta ta' Julian Zammit Tabona imma ta' Captain Morgan Leisure Limited (C3255) gia U Rent a Car Limited u ghalhekk ghal din ir-raguni wkoll il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> "2. Illi t-talbiet atturi huma preskritti skond il-ligi u dan in virtu tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghal kull buon fini in virtu tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;"

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Marzu, 2012, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, li m'hemmx relazzjoni guridika bejn il-konvenuti u s-socjeta` attrici li giet surrogata fid-drittijiet ta' Julian Zammit Tabona, illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju.

Dik il-Qorti tat din l-ahhar sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Din il-kawza hi wahda ghad-danni akkwiljani fejn qed jigi allegat illi l-konvenuti qua sidien tal-fond 60 Tigne Street, Sliema huma responsabbli ghad-danni kagunati fuq il-vettura Alfa W1564 meta fis-17 ta' Frar 1996 waqa' xi gebel mill-faccata tal-imsemmija dar fuq il-vettura in kwistjoni assikurata mas-socjeta Elmo Insurance, u kkagunaw danni lill-imsemmija vettura, liema danni gew risarciti mill-assikurazzjoni lill-assikurat taghha Julian Zammit Tabona u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assikurat taghha u kwindi infethet il-kawza prezenti.

“L-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti cioe dik tad-dezerzjoni u n-nuqqas ta’ integrita tal-gudizzju gew michuda b’sentenza preliminari tal-14 ta’ Lulju 2000 u 3 ta’ Ottubru 2003.

“Il-konvenuti ghamlu ukoll eccezzjonijiet preliminari ta’ preskrizzjoni taht l-artikoli 2153 u 2156(f) tal-Kap. 16. Pero saret ukoll eccezzjoni ulterjuri fil-mori tal-proceduri dwar nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejn il-konvenuti u l-assikurat tas-socjeta attrici Julian Zammit Tabona billi qed jigi eccepiet illi l-vettura qatt ma kienet tappartjeni lill-imsemmi Julian Zammit Tabona.

“In vista ta’ din l-eccezzjoni li toqtol l-azzjoni attrici jekk fondata sewwa, hu opportun li jigi l-ewwel investit din il-kwistjoni qabel ohrajn.

“**Eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ relazzjoni guridika**

“Fl-ewwel lok il-bazi tal-azzjoni attrici hi impernjata fuq l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili li jghid illi kull persuna hi responsabbli ghal hsarat kagunati bi htija taghha.

“Kwindi f’sitwazzjoni normali ta’ danneggant u danneggat id-dritt ghar-risarciment tad-danni subiti jispetta lil min ikun sofra d-danni.

“F’dan il-kaz, dak li qed ifittex ghad-dikjarazzjoni ta’ responsabilta ghad-danni subiti mhux il-persuna li sofriet id-danni izda l-assikurazzjoni li risarciet hi d-danni subiti mill-assikurat skont il-polza ta’ assikurazzjoni u ghalhekk dahlet fiz-zarbun ta’ drittijiet spettanti lill-assikurat kontra min allegatament ikkaguna d-danni lill-istess assikurat. Mill-atti ma rrizultax is-surroga kontrattwali billi l-assikurazzjoni attrici naqset li tipproduci tali document pero qed tistrieh fuq is-surroga legali li taghti l-ligi fl-artikolu 1166 tal-Kodici Civili. Tali surroga ggib li s-socjeta assiguratrici b’titolu derivattiv id-drittijiet tal-assikurat taghha u dan jintitolaha tessubentia fl-istess pozizzjoni identika, sostanzjali u processwali tal-assikurat fil-konfront tal-terz awtur tal-fatt dannuz (ara f’dan is-sens **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Raymond Azzopardi**, 25/02/2004).

“Xorta wahda pero irid ikun hemm ness legali u kazwali bejn min qed jitlob u risarciment ghad-danni kontra min allegatament ikkagunahom, u dan in-ness legali u kazwali hu precizament l-assikurat u r-rabta li dan ghandu mad-dannu kagunat lilu.

“L-atti tal-kawza juru nuqqas ta’ kjarezza fuq dan in-ness.

“Lino Ferris, General Manager ta’ Elmo Insurance li xehed dwar il-kwistjoni (fol. 179 et seq. tal-process) qal illi l-vettura kienet assikurata taht comprehensive policy f’isem Julian Zammit Tabona. Hu zied illi ma hemmx proposal form ghax din giet distrutta ma’ dokumenti wara maltempata. Il-hlas tad-danni sar lil Julian Zammit Tabona fis-sens illi l-flus x’aktarx gew kreditati lill-kont tal-assikurat mill-assikurazzjoni kif ikun irid l-assikurat billi l-istess assikurat kellu diversi poloz ta’

assikurazzjoni mas-socjeta attrici. Hu zied li ma hemm ebda dokument ta' surroga u l-hlas sar bis-sahha tal-polza lill-assikurat li mhux necessarjament ikun is-sid registrat.

"Julian Zammit Tabona li xehed a fol. 200 et seq. tal-process, qal li ghandu hafna karozzi assikurati ma' Elmo Insurance u ma setghax jiftakar jekk din il-vettura partikolari kienitx registrata fuq ismu jew fuq xi kumpanija li fiha kellu sehem. Jiftakar li kien hemm zmien fejn il-vetturi kellhom jigi registrati fuq l-isem personali taghhom pero ma setghax jiftakar dettalji dwar din il-vettura partikolari. Lanqas seta' jiftakar jekk ir-risarciment tad-danni marrux f'account tieghu personali jew f'account ta' kumpanija li fiha ghandu sehem.

"Gew esebiti diversi dokumenti, uhud minnhom mill-konvenuti dwar din il-kwistjoni. Brian Farrugia`, Senior Clerk ma' Licensing and Testing Directorate esebixxa l-ftehim ta' hire purchase tal-vettura in kwistjoni (Dok. BF2 a fol. 136) li jindika l-hire purchaser bhal 'Julian Zammit Tabona' li joqghod 'San Anton House' Valentine Street, Balzan u iktar 'il quddiem segwit bil-kliem 'in his/her own name of U Rent-A-Car Limited' bl-indirizz 'Dolphin Court, Tigne Sea Front, Sliema'. Taht il-firma ta' Julian Zammit Tabona hemm il-kliem 'proprio et nomine'. Dan l-akkwist sar fit-3 ta' Settembru 1993. Ma jirrizultax mill-atti jekk il-prezz tal-vettura thallasx kollu mix-xerrej taht hire purchase sad-data tal-incident. Wara l-incident meta l-vettura giet 'garaged' inkitbet ittra mid-diretturi ta' U Rent-A-Car Limited fosthom Julian Zammit Tabona lid-Diretturi tal-Licencing Office fejn gie awtorizzat Alfred Magro jiffirma d-dokumenti kollha necessarji biex il-karozza tigi garaged (Dok. BF1 a fol. 135 tal-process).

"Id-dokument BF3 a fol. 138 tal-process hu t-trasferiment tal-vettura in kwistjoni maghmula lil certu Tarcisio Borg. Dan id-dokument ta' trasferiment gie iffirmat minn Tarcisio Borg u Alfred Magro b'timbru ta' Captain Morgan Cruises Limited fuq l-istess firma. Jigi rilevat pero illi l-isem ta' U Rent-A-Car Limited gie mibdul ghal Captain Morgan Leisure Limited mhux Captain Morgan Cruises Limited fis-27 ta' Dicembru 1994 kif jidher mid-dokument BF5 esebit a fol. 140. Fil-fatt id-dokument BF4 a fol. 139 hu ittra mibghuta lil-Licencing and Testing Department mid-Diretturi ta' Captain Morgan Leisure Limited fejn tidher ukoll il-firma ta' Julian Zammit Tabona, li biha gie awtorizzat l-istess Alfred Magro biex jiffirma d-dokumenti ta' trasferiment tal-istess vettura. Alfred Magro fix-xiehda tieghu a fol. 164 et seq. tal-process jikkonferma li hu impjegat fl-accounts section ta' W&M Zammit Tabona Limited u qal li l-vettura hi proprjeta ta' U Rent-A-Car Limited u kkonferma d-dokumenti li ffirma f'isem il-kumpanija. Zied illi c-cheque tar-risarciment gie recevut minghand Elmo Insurance indirizzat lil Captain Morgan Leisure Limited.

"Kontra dawn il-provi gie esebit mis-socjeta attrici l-ahhar motor policy insurance certificate Dok. JM1 a fol. 123 tal-process li jkopri l-perjodu 1 ta' Marzu 1995 sa 29 ta' Frar 1996 li jindika l-policy holder bhala Julian Zammit Tabona U Rent-A-Car Limited bl-indirizz tal-kumpanija. L-uzu

indikat hu ‘private car’. L-ahhar computer print out tal-policy Dok. JM3 a fol. 131 jaghti bazikament l-istess dettalji. Il-log book Dok. JM2 a fol. 124 tal-process jindika lil Julian Zammit Tabona bhala sid jew user u l-indirizz hu dak tal-kumpanija U Rent-A-Car Limited fl-ufficju registrat taghhom.

“Gie esebit ukoll il-credit invoice Dok. LF6 datata 13 ta’ Marzu 1996 a fol. 176 tal-process indirizzata lil Julian Zammit Tabona bl-indirizz tas-socjeta U Rent-A-Car Limited fl-ufficju registrat tal-kumpanija.

“Jirrizulta wkoll mill-atti illi gew prezentati zewg ittri ufficjali interpellatorji kontra l-konvenuti wahda datata 4 ta’ Novembru 1996 fejn is-socjeta attrici qed tghid li giet surrogata fid-drittijiet ta’ Fortel Services Limited (Dok. ED1 a fol. 177 tal-process) u ohra datata 28 ta’ Novembru 1997 (Dok. LF5 a fol. 175 tal-process) fejn is-socjeta attrici din id-darba qed tghid li giet surrogata fid-drittijiet ta’ Julian Zammit Tabona.

“Harsa lejn dawn il-provi juru li hemm nuqqas ta’ kjarezza dwar min hu s-sid tal-vettura u wkoll min hu l-assikurat. Din il-Qorti tqis illi ghal fini ta’ titolu tal-vettura d-dokumenti li ntuzaw ghal garaging u tal-trasferiment tal-vettura Dok. BF1 u BF4 juru illi d-Diretturi ta’ U Rent-A-Car Limited, iktar tard Captain Morgan Leisure Limited, fosthom l-istess Julian Zammit Tabona qed jiddikjaraw b’mod car u inekwivoku illi l-vettura hi proprjeta ta’ U Rent-A-Car Limited. Din hi dikjarazzjoni maghmula minghajr ma hemm dubju dwar dak li qed jinghad fiha cioe illi U Rent-A-Car Limited bhala sid il-vettura in kwistjoni qed tawtorizza lil Alfred Magro jiffirma d-dokumenti necessarji biex isir il-garaging u bejgh tal-vettura wara l-incident.

“Id-dokumenti l-ohra esebiti ma jaghtux din il-kjarezza ta’ titolu. Per ezempju il-hire purchase agreement filwaqt li jsemmi lil Julian Zammit Tabona b’indirizz tar-residenza tieghu, iktar ‘il quddiem fl-istess dokument isemmi lil U Rent-A-Car Limited bl-indirizz tas-socjeta. Il-log book jindika lil Julian Zammit Tabona bhala sid jew user. Il-vettura nfisha lanqas kienet tintuza min Julian Zammit Tabona izda minn impjegat cioe George Zammit Briffa li kien Manager, pero hawn ukoll Julian Zammit Tabona ma uriex certezza jekk kienx impjegat tieghu jew ta’ U Rent-A-Car Limited. In-nuqqas ta’ dikjarazzjoni u prova cara maghmula mis-socjeta attrici jew minn Julian Zammit Tabona nnifsu dwar min kien is-sid tal-vettura jidderiegi lil Qorti tiddezumi mic-cirkostanzi min kien is-sid u l-provi juru illi s-sid kienet U Rent-A-Car Limited. Il-prova li l-vettura kienet ta’ Julian Zammit Tabona kien jispetta lis-socjeta attrici pero l-istess socjeta ma waslitx ghal grad ta’ prova mehtieg biex teghleb il-provi l-ohra aktar attendibbli dwar il-proprjeta tal-istess vettura. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar ir-relazzjoni guridika necessarja hi ben fondata jekk l-assikurazzjoni qed tagixxi taht forma ta’ successjoni b’titolu partikolari fil-kreditu tal-assikurat bhala proprjetarju tal-vettura li sofriet il-hsara fil-konfront tat-terz responsabbli ghal hsara. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Middlesea Insurance p.l.c. vs Karl Vella**, App Inf 10/10/2005PS:

> "Jinsab deciz mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (3 ta' Frar, 1999 numru 919), b'referenza ghall-Artikolu 1916 tal-Kodici Civili Taljan (korrispondenti, anke jekk bi kliem differenti, ghall-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili taghna succitat), illi "quando l' assicuratore agisce nei confronti del terzo responsabile, questi, mentre non puo valere ragioni di annullabilita`, rescissione o risoluzione del contratto (tal-assigurazzjoni), deducibili soltanto dall'altro contraente, è legittimato a contrastare, in via d'eccezione, i presupposti della surrogazione medesima, e, quindi, puo` opporre la nullita` del contratto stesso, inclusa quella per inesistenza del rischio o per carenza di interesse, oppure l' avvenuto pagamento dell' indennizzo a persona diversa dal titolare del relativo diritto. In tale caso è necessario che l' assicuratore esibisca la polizza, ovvero provi in altre forme documentale il contenuto del contratto, non essendo sufficiente il solo richiamo al numero di polizza contenuta nella quietanza rilasciata dal terzo danneggia`to";

"Dawn il-provi sodisfacenti u necessarji biex jippruvaw in-ness bejn id-danneggat qua sid tal-vettura assikurata u s-surroga tal-assikurazzjoni attrici fl-istess drittijiet ma ngibux.

"Pero b'daqshekk ma jfissirx illi l-assikurazzjoni ma seghetx tibbenefika lil Julian Zammit Tabona personalment sakemm issir il-prova illi Julian Zammit Tabona kellu 'insurable interest' fil-vettura in kwistjoni u ghalhekk kellu dritt ghal risarciement u konsegwentement ness dirett bejn il-hlas tad-danni u s-surroga fid-drittijiet tal-istess assikurat fil-konfront tat-terz responsabbli ghal hsara.

"L-awtur **Mac Gillivray & Parkington 'On Insurance Law'** ighid hekk:

> "Insurable interest may be defined as the assured's precuniary interest in the subject matter of the insurance. In indemnity policies, if the insurer has undertaken to indemnify the assured against pecuniary loss caused by or arising from particular risks, an interest is required by reason of the nature of the contract itself".
>
> "If the assured has no interest at the time when the event insured against occurs, it is clear that he cannot recover anything on indemnity policy because he has suffered no loss against which he can be indemnified".

"Izid:

> "Insurable interest in property is not confined to absolute legal ownership. Generally, any person who is so situated that he will suffer a loss as the proximate result of danger in or destruction of the property has an insurance interest in it".
>
> "There must be some direct relationship to the property itself for otherwise the interest is too remote and therefore not insurable".

"F'dan il-kaz ma ntweriex illi Julian Zammit Tabona, bil-hsara kommessa fil-vettura proprjeta ta' U Rent-A-Car Limited iktar tard Captain Morgan Leisure Limited, sofra hu xi hsara jew espona ruhu ghal xi responsabilta fil-vesti personali tieghu.

"Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Bertu Camilleri u Harold Bartoli et noe** deciza fid-9 ta' Ottubru 2003 b'referenza ghan-noti tal-Professur John Mamo:

> "it is not absolute ownership which is required but the existence of a relationship between the person insured and the thing which could be adversely affected by the happening of the risk insured against".

"Mill-banda l-ohra fil-ktieb **Bird's Modern Insurance Law** jinghad illi 'possession of property is not enough. There must be some right of enjoyment of the property or legal liability in respect of it'.

"Hawn ukoll Julian Zammit Tabona ma uriex din il-konnessjoni fix-xiehda tieghu. Hareg biss illi l-vettura kienet fil-pussess ta' impjegat pero ma intqalx jekk l-impjegat kienx tieghu jew tal-kumpanija li fiha Julian Zammit Tabona hu wiehed mid-diretturi.

"Bhala diretturi fil-kumpanija U Rent-A-Car Limited Julian Zammit Tabona ma jistax jasserixxi insurable interest fil-proprjeta tal-kumpanija, entita legali distinta mid-diretturi jew mill-azzjonisti taghha. Ghalkemm ma saritx prova li Julian Zammit Tabona hu azzjonist f'U Rent-A-Car Limited pero l-awturi Mac Gillivary & Parkington ighidu hekk:

> "Shareholders have no insurable interest on corporate property and cannot insure simply on the property but must specify his interest and define the risk as an insurance on shares or dividends".

"F'dan il-kaz ma ntwerriex li Julian Zammit Tabona kellu xi kopertura a bazi ta' azzjonijiet li seta' kellu fil-kumpanija U Rent-A-Car Limited.

"La darba Julian Zammit Tabona ma setax jinghad li kellu insurable interest ippruvat, l-assikurazzjoni ma tistax bis-surroga legali fid-drittijiet tal-istess Julian Zammit Tabona tezercita jeddijiet li l-istess Julian Zammit Tabona ma kellux. L-awtur **Mac Gillivary & Parkington** ighid hekk:

> "An insurance is not entitled to make a claim which the insured himself could not have made".
>
> "If it is the case that insurers are subrogated only to the rights of the insured, it follows that they cannot be subrogated in the absence of express provision in the policy, to the rights of a mere payee who is entitled to receive the money but whose interest is not separately insured".

> "An insurer is only subrogated to the rights of the parties to the contract of insurance who have a right to payment under the policy".

"Ghalhekk anki jekk l-assikurazzjoni attrici allegat li hi hallset lil Julian Zammit Tabona, dan wahdu ma jfissirx li kien l-assikurat billi hlas lil 'payee' ma jirrendix lil din il-persuna l-assikurat. L-assikurazjoni attrici ma ppruvatx ghalhekk anki bil-hlas li sar li fil-fatt hi hallset lill-persuna li kellu 'insurable interest' fil-polza.

"Ghalhekk fuq dawn ir-rizultanzi, l-eccezzjoni tal-konvenuti li ma hemmx relazzjoni guridika bejniethom u Julian Zammit Tabona u kwindi l-assikurazzjoni Elmo, billi ma hemmx ness bejn id-dannu u l-istess Julian Zammit Tabona, hi ben fondata u ghandha tigi milqugha.

"Minhabba f'dan ma hemmx lok li din il-Qorti tindaga dwar l-eccezzjonijiet l-ohra mressqa mill-konvenuti."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet illi din il-Qorti tilqa' l-appell imressaq minnha, tirrevoka l-ahhar sentenza appellata u minflok tichad l-eccezzjonijet kollha tal-konvenuti appellati, u tilqa' t-talbiet kollha tal-attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra il-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta tal-appellati li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnhom imsemmija, issottomettew li din il-Qorti ghandha tirrespingi t-talbiet kollha tal-appellanti u tikkonferma fis-shih is-sentenza appellata, peress li hija gusta u timmerita konferma;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' April, 2016, li permezz tieghu laqghet ir-rikors li sar wara l-mewt tal-konvenut John sive Ivan Pace fejn intalab li ssir it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem l-eredi universali tieghu, Myriam Pace;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' April, 2016, li permezz tieghu, l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-avukati tal-partijiet dehru quddiem il-Qorti u ttrattaw l-appell;

Ghandu jinghad mal-ewwel illi huwa risaput li l-obbligu u l-piz tal-prova jinkombi fuq spallejn s-socjeta` attrici li qeghda tressaq il-kawza. Ghalhekk, huwa applikabbli l-principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Min jallega jrid jipprova, kif wara kollox jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara, per ezempju, **Dr H. Lenicker v. J Camilleri,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 1972, u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella,** deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-2 ta' Mejju 1995). Principju iehor relevanti huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici tressaq l-azzjoni taghha ta' danni akwiljani li hija mibnija fuq il-premessa li l-konvenuti, bhala sidien tal-

fond numru 60, Triq Tigne, Sliema, naqsu minhabba negligenza, imperizja u imprudenza, meta hallew il-fond taghhom jiddeterjora fi stat tali li kien ta' perikolu, u fil-fatt waqghu gebel mill-opramorta tieghu, li kkawzaw danni lill-vettura pparkjata fit-triq, liema vettura kellha n-numru W-1564, proprjeta` tal-assikurat taghha, li l-attrici tghid li huwa Julian Zammit Tabona.

Il-konvenuti fid-difiza taghhom, fost affarijiet ohra, jishqu li mhumiex responsabbli ghall-hsara fil-karozza li ggarfet peress li l-incident kien kaz fortuwitu u peress li l-fond in kwistjoni kien mikri lill-ahwa Wirth, kif ukoll lil Ronald Pace Decesare, liema inkwilini ma riedux jizgombraw il-fond, ghall-fini li jitwettqu t-tiswijiet mehtiega, peress li bezghu li jitilfu l-kirja u ghalhekk baqghu jokkupaw il-fond, u b'hekk ostakolawhom milli jwettqu t-tiswijiet mehtiega.

Madankollu, waqt is-smigh tal-kawza, l-konvenuti ressqu eccezzjoni ulterjuri, fejn jinghad li m'hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-konvenuti u s-surrogat tal-attrici, Julian Zammit Tabona, stante li l-vettura W-1564 qatt ma kienet proprjeta` ta' Zammit Tabona, izda din kienet tappartjeni lil Captain Morgan Leisure Limited, (C 3255), gia` U Rent a Car Limited, u ghalhekk, ghandhom jigu lliberati mill-oservanza tal-gudizzju, liema eccezzjoni ntlaqghet proprju permezz tas-sentenza appellata.

Is-socjeta` attrici appellat mis-sentenza tat-22 ta' Marzu, 2012, peress li tikkontendi li l-ewwel Qorti strahet fuq numru ta' dokumenti li jirreferu ghall-process ta' *garaging* u trasferiment tal-vettura in kwistjoni, li sehhew wara l-incident *de quo,* filwaqt li l-istess Qorti irriteniet ukoll li d-dokumenti l-ohra esebiti ma jaghtux kjarezza ta' titolu. L-attrici, da parti taghha, tishaq li kellha tigi ezaminata d-dokumentazzjoni relattiva ghal dak in-nhar li sehh l-incident u mhux wara. Dan apparti li tinsisti li, fil-fehma taghha, id-dokumentazzjoni kienet cara u ma kien hemm ebda nuqqas ta' kjarezza dwar min kien s-sid tal-vettura in kwistjoni. Hija tghaddi biex tislet ukoll siltiet mix-xiehda tal-impjegati tal-attrici sabiex tipprova ssahhah l-argument taghha.

Is-socjeta` attrici permezz tal-ewwel aggravju taghha qeghdha tattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, li kif inghad qabel, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss ghal xi raguni gravi u impellenti, jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, huwa manifestament zbaljat.

F'dana s-sens hemm diversi sentenzi ta' din il-Qorti, fosthom dik tat-3 ta' Marzu, 2011, fl-ismijiet **Isabelle Borg et v. Robert Galea et** fejn kien ritenut illi:

> *"Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx, legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha."*

Kif sewwa irrilevat l-ewwel Qorti, fuq dan il-punt kien hemm inkonsistenza persistenti tul il-provi kollha migbura fl-atti. Jekk wiehed jezamina l-atti tal-process, isib diversi diskrepanzi dwar ta' min hi l-vettura in kwistjoni, ghalkemm il-preponderanza tal-provi juru, fil-fehma tal-Qorti, li l-vettura ma kenitx proprjeta` ta' Julian Zammit Tabona personalment. Il-*claim form* u l-*works order* mahruga mill-istess attrici, jghajtu lil terza persuna ohra bl-isem ta' "Kevin Zammit Tabona". Minn dokument iehor esebit mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, jidher li vicin il-kunjom hemm imnizzel l-isem "Julian Zammit Tabona", filwaqt li vicin l-isem jidher l-isem "U Rent A Car". L-istess il-*logbook*, fejn isem is-sid jew min juzaha, jidher "Julian Zammit Tabona", filwaqt li r-residenza jinghata bhala "U Rent A Car Limited", bl-indirizz ta' din is-socjeta`. Il-fattura ghall-kiri ta' karozza alternattiva saret lil Captain Morgan Cruises. L-istess dubju jinholoq minn ezami tal-polza tal-assikurazzjoni fejn biswit l-isem ta' favur min inharget il-polza hemm kemm l-isem ta' "Julian Zammit Tabona", kif ukoll ta' "U Rent A Car", bl-indirizz li jinghata huwa wkoll tal-istess socjeta`.

Dan in-nuqqas ta' konsistenza tirrizulta wkoll mill-istess xiehda mressqa fil-vesti ta' diversi rapprezentanti jew impjegati tas-socjeta` attrici. L-appellanti tislet dawk is-siltiet li jsostnu l-argument taghha, izda mhux ix-xiehda fis-shih minn fejn jinstilet id-dubju dwar min effettivament kien sid din il-vettura. Jekk wiehed jara x-xiehda ta' Paul Barberi, dan jghid: "***Dina l-vettura kienet il-proprjeta` tal-ahwa Zammit Tabona, tal-Fortina Hotel".*** Filwaqt li jekk wiehed jara x-xiehda ta' Joe Mula, dan jibda billi jghid: "***Il-karozza inxurjata maghna f'isem Julian Zammit Tabona ghal Captain Morgan Ltd.***" Meta mistoqsi l-isem ezatt jghid: "***U Rent a Car, Dolphin Court, 6, Tigne Seafront, Sliema.***" Aktar tard, fuq insistenza tad-domandi maghmula mid-difensur tal-konvenuti dwar min hu s-sid, iwiegeb: "***Ma nafx nirrispondik.***" L-uniku xhud da parti tas-socjeta` attrici li baqa' jinsisti li l-assikurazzjoni kienet f'isem Julian Zammit Tabona, kien il-General Manager Lino Ferris, li madankollu esebixxa *credit note* li wkoll titfa' dubju dwar min kien l-assikurat. Dan apparti l-fatt li meta l-istess xhud kien konfrontat bl-ewwel ittra ufficjali li kienet inharget dwar l-istess incident, kontra l-konvenuti, fejn fiha jinghad li l-attrici hija surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Fortel Services Limited, l-istess xhud jikkoncedi li dan kien zball li kien irrangat permezz tat-tieni ittra ufficjali!

Mill-aktar rilevanti hija x-xiehda ta' Brian Farrugia, ir-rapprezentant tal-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta, kif ukoll id-dokumenti esebiti minnu.

Dan ix-xhud bla tlaqliq jispjega li l-karozza in kwistjoni, fi zmien l-incident, kienet tghajjat lil Julian Zammit Tabona, ghan-nom ta' U Rent a Car Limited, ta' Dolphin Court, Tigne` Seafront, Sliema. Huwa jibbaza t-twegiba tieghu fuq numru ta' dokumenti, fosthom il-kuntratt ta' *hire purchase*, li permezz tieghu, skont hu, Julian Zammit Tabona dahal fl-istess kuntratt ghan-nom ta' U Rent a Car Limited. Inoltrè, b'ittra tad-19 ta' Frar, 1996, id-diretturi Zammit Tabona ta' U Rent a Car Limited, hargu ittra indirizzata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Licenzji, li permezz taghha l-istess diretturi awtorizzaw lil Alfred Magro sabiex jiffirma d-dokumenti kollha mehtiega, sabiex tkun tista' tigi garaxxjata l-imsemmija karozza. Madankollu jirrizulta li l-imsemmija kumpanija U Rent-a-Car Limited, kienet bidlet isimha ghal Captain Morgan Leisure Limited b'effett mis-27 ta' Dicembru, 1994! Sussegwentement, inharget ittra ohra iffirmata minn tliet diretturi Zammit Tabona ghan-nom ta' Captain Morgan Leisure Limited, fejn jawtorizzaw lil Alfred Magro jiffirma kull dokument ta' trasferiment tal-istess vettura. Ghalhekk, ghalkemm it-tieni ittra esebita mhix datata, huwa ghal kwantu ovvju li din saret qabel l-10 ta' April 1996, data li tirrizulta bhala d-data tal-bejgh tal-karrozza lil Tarcisio Borg ta' Winter Auto Dealer. Minn dawn l-ittri johrog car kif id-diretturi tal-kumpanija, inkluz Julian Zammit Tabona, irrikonoxxew il-vettura bhala li tappartjeni lill-istess socjeta`.

Fil-kuntest ta dan kollu, filwaqt li l-attrici xorta wahda tikkontendi li l-vettura kienet proprjeta` ta' Julian Zammit Tabona u li hija giet issurrogata fid-drittijiet tieghu, min-naha l-ohra l-konvenuti jikkontendu li mill-provi mressqa fl-atti, jirrizulta car li din il-vettura kienet tappartjeni lil Captain Morgan Leisure Limited, (C 3255), gia` U Rent a Car Limited.

L-ewwel Qorti iddecidiet li l-vettura kienet proprjeta` tas-socjeta` U Rent a Car Limited a bazi tal-piz probatorju taz-zewg dokumenti li bihom id-diretturi tas-socjetajiet U Rent-a-Car Limited u Captain Morgan Leisure Limited, b'mod car u inekwivoku ghall-ahhar, awtorizzaw individwu li fl-ewwel lok jaghmel dak mehtieg sabiex il-vettura tigi garaxxjata, u sussegwentement trasferita. Apparti l-fatt li din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, thoss li l-piz probatorju ta' dawn iz-zewg dokumenti ma jistax jigi skartat, ma taqbilx ma' l-argument tal-appellanti, fis-sens li l-ewwel Qorti kellha tillimita ruhha ghal ezami tad-dokumenti li jmorru lura ghal qabel ma sehh l-incident biss. Wara kollox l-istess appellanti taghmel enfasi biex issostni l-argument taghha fuq dokument iehor fejn tghid li l-pagament ghall-hlas ta' danni sar lil Julian Zammit Tabona. Dan l-istess dokument, li fil-fatt huwa datat 13 ta' Marzu, 1996 (jigifieri wara li sehh l-incident), huwa wkoll ekwivoku fis-sens li l-*credit note* hija indirizzata "Julian Zammit Tabona – U Rent a Car, Dolphin Court, Tigne Seafront, Sliema". L-attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien

tal-konvenuti. (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, tat-12 ta' Jannar, 2001, fl-ismijiet **Hans J. Link et v. Raymond Mercieca**). Ghalhekk il-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Artikoli 562 u 559 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili).

Huwa pacifikament ritenut li fil-kamp civili l-piz probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli, izda ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jirnexxilux jaghmel dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati minn dan in-nuqqas u dan skont il-principju *actore non probante reus absolvitur.* Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited v. Paul Borg,** li ccitat silta mis-sentenza datata 13 ta' Ottubru, 2008, fl-ismijiet **S. Borg Barthet v. Carnik Contructions Limited** (Appell Superjuri) fejn gie osservat illi:

> *"Kif sewwa rrilevat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza "Xuereb Maria et v. Gauci Clement et": "Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvincment tal-gudikant."*

Dan il-principju jiehu xejra importanti meta wiehed iqis li mix-xiehda ta' Julian Zammit Tabona, ghalkemm ma jiftakarx jekk din il-karozza nhargitx f'ismu jew f'isem il-kumpanija, jirrizulta li din kienet tintuza minn wiehed min-nies taghhom, il-manager George Zammit Briffa. Huwa jghid ukoll li kemm il-karozza, kif ukoll il-kumpanija U Rent a Car Limited huma tieghu. Mentri xhud iehor Alfred Magro, impjegat ma' kumpanija W&M Zammit Tabona Limited, jghid permezz ta' affidavit, li l-pagament mill-attrici sar lil Captain Morgan Leisure Limited li kienet proprjetarja tal-karozza in kwistjoni! Huwa jkompli sabiex jichad kategorikament li l-karozza kienet ta' Julian Zammit Tabona personalment u jinsisti li din kienet ta' U Rent a Car Limited, illum Captain Morgan Leisure Limited.

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont tal-istat tal-provi din il-Qorti ma ssibx ragunijiet sufficjenti sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u mill-konkluzjonijiet minnha raggunti.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attrici fir-rigward tas-surroga, fis-sens li ladarba l-assikurazzjoni thallas lill-assikurat taghha taht il-polza, din tigi ssurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, u abbazi tas-subartikolu (c) tal-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili s-surroga issehh *ipso iure* (ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Limited noe v. Salvatore Zarb**). Madankollu, huwa mehtieg, kif issostni l-ewwel Qorti, li tigi stabbilita r-

relazzjoni guridika bejn l-assikurazzjoni li qed tagixxi taht surroga, li tfittex ghall-kreditu tal-assikurat taghha, bhala proprjetarju tal-vettura li sofriet il-hsara, u t-terz li qieghed jinghad li huwa responsabbli ghall-hsara. Ladarba l-provi mressqa huma fis-sens li l-vettura kienet proprjeta` ta' Captain Morgan Leisure Limited, (C 3255), gia` U Rent a Car Limited, mhux ta' Julian Zammit Tabona personalment, u l-attrici ressqet l-azzjoni odjerna kif surrogata fid-drittijiet ta' Julian Zammit Tabona, l-attrici ma sehhilix li tipprova n-ness bejn id-danneggjat bhala sid il-vettura assikurata u s-surroga tal-assikurazzjoni attrici fl-istess drittijiet. Dan qed jinghad peress li Julian Zammit Tabona u Captain Morgan Leisure Limited, (C 3255), gia` U Rent a Car Limited, jibqghu zewg persuni guridici distinti u indipendenti minn xulxin.

Ghalhekk din il-Qorti meta tqis l-assjem tal-provi, issostni li gustament l-ewwel Qorti rriteniet li l-attrici ma waslitx ghall-grad ta' prova mehtieg biex teghleb il-provi l-ohra aktar attendibbli dwar il-proprjeta` tal-istess vettura, u ghalhekk l-ewwel aggravju mhux ser jintlaqa'.

It-tieni aggravju tal-appellanti huwa msejjes fuq l-interess assikurabbli li kellu Julian Zammit Tabona fuq il-vettura *de quo.* Ghandu jinghad li din il-Qorti issostni l-gurisprudenza kollha li l-appellanti taghmel referenza ghaliha dwar i*nsurable interest*. F'dan il-kuntest jinhass li jkun opportun

li ssir referenza partikolari ghal xi siltiet, sabiex imbaghad wiehed jara jekk humiex applikabbli fil-kuntest tal-fatti tal-kaz odjern.

Konsiderazzjonijiet rilevanti huma dawk maghmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tad-9 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Bertu Camilleri et v. Harold Bartoli et**.

> *"…biex wiehed ikopri oggett b'assikurazzjoni, mhux mehtieg li jkun propjetarju ta' dak l-oggett; basta li jkollu dak li fid-duttrina ingliza hu msejjah bhala "an insurable interest". Dan jezisti meta l-assikurat "may be said to benefit by the continued existence of the property or life insured and will suffer a loss by reason of its damage or distruction". L-awtur Macgivillray fil-ktieb "Insurance Law" jghid li hemm dan l-interess "where the assured is so situated that the happening of the event on which the insurance money is to become payable, would, as a proximate cause, involve the assured in a loss or diminuition of any right recognised by law or in any legal liability".*

Il-pern tal-kwistjoni fl-ezami tal-konsiderazzjoni odjerna hija li mill-polza t'assikurazzjoni, Julian Zammit Tabone ma jirrizultax li huwa l-assikurat izda din inharget f'ismu ghan-nom ta' U Rent a Car Limited. L-azzjoni attrici ghalhekk setghet tirnexxi jekk kemm-il darba tressaq il-pretensjonijiet taghha kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` assikurata. Kif inghad mill-ewwel Qorti ma tressqet ebda prova li Zammit Tabona "*sofra hu xi hsara jew espona ruhu ghal xi responsabilta` fil-vesti personali tieghu".* Lanqas tressqet il-prova da parti tal-appellanti li Julian Zammit Tabona hu azzjonist jew li kellu xi kopertura a bazi ta' azzjonijiet li seta' kellu fil-kumpanija U Rent-A-Car Limited.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Novembru, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Victor Deguara v. George Bonnici et**, jinghad:

> *"din hi kawza li tinvolvi polza ta' assikurazzjoni u ghalhekk irid ukoll jirrizulta l-"insurable interest" u cioe' l-interess tal-attur li jassikura kontra certi riskji rigwardanti l-haga assikurata, li minnha jista jiehu vantagg jew isofri pregudizzju jekk certi cirkostanzi jissuccjedu. Kif gia` gie rilevat jista jinghad li l-interess li wiehed jassikura l-haga hu ekwivalenti ghall-interess li l-istess assikurat ghandu fil-haga assikurata u fil-pregudizzju jew dannu li jista jsofri jekk l-haga assikurata per ezempju tinsteraq, bhal fil-kaz in esami.*
>
> *"Isegwi ghalhekk li fil-kaz in esami jista jinghad li l-attur ma sofra l-ebda pregudizzju jew dannu mis-serqa in kwestjoni ghar-rigward ta' dak is-sehem tal-oggetti li ma kienx jappartjeni lill-istess attur…*
>
> *"Hu principju basiku li fil-kuntratt tal-assikurazzjoni l-assikurat ma jistax jitlob risarciment tal-valur tal-haga assikurata jekk il-haga mhux tieghu u jekk almenu ma jirrizulta li almenu l-assikurat ser ibghati minn xi forma ta responsabilita' legali bhala konsegwenza tat-telfien tal-haga assikurata. Hu ghalhekk ovvju li hu is-sid tal-oggetti li nsterqu jew minn jista ibghati xi pregudizzju jew dannu bhala konsegwenza tal-istess serq, li ghandu l-interess guridiku li jitlob li jigi risarcit il-prezz tal-istess oggetti."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, isegwi li kuntrarjament ghal dak li issostni l-appellanti, ladarba Julian Zammit Tabona, ma kienx sid il-vettura, lanqas jista' jinghad li sofra dannu jew pregudizzju, u ma jirrizultax li huwa personalment sejjer ibati xi konsegwenza b'rizultat ta' dak li gara.

Hekk ukoll, saret referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-15 ta' Frar, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Alfio Borg v. Fogg Insurance Agencies Limited**, fejn jinghad:

> *"..l-interess irid jitqies fir-rabta bejn il-persuna assikurata u l-ħaġa suġġett tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, b'mod li m'hijiex il-ħaġa nnifisha li tiġi assikurata daqskemm ir-rabta tal-assikurat ma' dik il-ħaġa. Tali rabta tista' tkun l-interess tal-assikurat li l-ħaġa ma tinqeridx, ukoll jekk tkun qegħda titgawda minn ħaddieħor jew hu ma jkunx is-sid (waħdieni) tagħha. Dan iġib miegħu l-ħtieġa li l-interess assikurabbli jkun wieħed leġittimu, rejali u effettiv, dirett, u attwali;"*

Ghandu jinghad li l-prova tar-rabta bejn Julian Zammit Tabona u l-vettura ma saritx, u s-socjeta` Captain Morgan Leisure Limited, (C 3255), gia` U Rent a Car Limited, li kif inghad ghandha personalita` guridika separata minn Julian Zammit Tabona, tirrizulta bhala l-uniku sid tal-vettura. Ladarba il-persuna assikurata kienet il-kumpanija u mhux Julian Zammit Tabona personalment, dan tal-ahhar ma setghax jibbenefika mill-polza tal-assikurazzjoni, u ghalhekk l-azzjoni mressqa mill-attrici appellanti ma tistax tirnexxi. (ara f'dan is-sens ukoll sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Gunju, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Ludwig Dimech pro. et noe v. Adrian Zammit**.)

Din il-Qorti ssib li l-pozizzjoni tal-appellati ghandha mis-sewwa meta jishqu li l-appellanti qatt ma dahlet fiz-zarbun ta' U Rent a Car Limited, u li huma m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-surrogat tal-appellanti Julian Zammit Tabona, peress li l-unika relazzjoni guridika li seta' kellhom kienet mas-socjeta` U Rent a Car Limited. Jinghad ukoll li Julian Zammit Tabona ma kellux interess assikurabbli, peress li din il-Qorti tinsab konvinta li r-rizarciment sar lis-socjeta` U Rent a Car Limited u mhux lil Julian Zammit Tabona personalment, u ghalhekk ma jirrizultax in-ness bejn il-hlas tad-danni u s-surroga fid-drittijiet tal-istess

assikurat. Inoltre din il-Qorti taqbel ma' dak li rrilevat l-ewwel Qorti fis-sens li ladarba m'hemmx relazzjoni guridika bejn il-konvenuti u Julian Zammit Tabona u kwindi l-assikurazzjoni Elmo, lanqas ma jirrizulta n-ness bejn id-dannu u l-istess Julian Zammit Tabona. Is-socjeta` assikuratrici jidher li ma qiesetx id-differenza li tezisti bejn kumpanija u l-individwi li jikkomponuha, u imxiet qiesu z-zewg "partijiet" kienu l-istess, meta, fil-fatt u fil-ligi, hu maghruf li dan mhux minnu.

Ghalhekk ukoll dan l-aggravju ma jirrizultax bhala wiehed fondat u ser jigi michud. Mhux il-kaz li din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici, li wara kollox lanqas jiffurmaw parti mis-sentenza appellata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi tichad l-istess, u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-istess socjeta` attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df